**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Kongunt nru: 263/19 AGV**

**AB (ID nru: 270572M)**
**U**
**CB (ID nru: 191887M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-12 ta' Lulju 1997, gewwa l-Parrocca ta' San Nikola, Siggiewi, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku bin-nnmru 1057/1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal:D li ghandu dsatax-il sena, u tewmin E u F li ghandhom sittax-il sena;
3. Illi l-hajja konjugali tal-partijiet ma baqghetx iktar possibbli ghal ragunijiet validi li skont il-Ligi taw lok ghal seperazzjoni personali, u ghalhekk fil-waqt li ilhom separati de facto madwar seba' snin u nofs, il-

partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rueben Debono, fl-ghaxra ta' Settembru elfejn u erbatax (10/09/2014). Vera kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B. Ghalhekk ilhom separati ghal iktar minn erba' snin rikjesti skont il-Ligi senjatament Artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-ottjeniment tad-divorzju;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbabba li ilhom snin twal ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u kull parti qed tifforma familja gdida;
5. Illi skont il-kuntratt hawn citat l-partijiet ma ghandhom ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin, filwaqt li r-ragel huwa responsabbli ghall-manteniment ta' uliedhom u qed ihallas is-sommma komplessiva ta' elf u mitejn Ewro (Eur 1200) fix-xahar lit-tlett ulied b' mod regolari u kif stipulat skont il-kuntratt hawn fuq imsemmi. Illi sa minn mindu isseperaw legalment, ma kienx hemm problemi sabiex ir-ragel ihallas dal-manteniment u qatt ma kienx inadempjenti fl-obbligu tieghu.
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jikkonfermaw ir-rikors kongunt taghhom *seduta stante.*

**DECIDE**

Il-Qorti, ghalhekk, tilqa' t-talbiet.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**